# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/770

## tal-4 ta' Marzu 2024

## li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament (UE) 2018/140 tad-29 ta' Jannar 2018 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea imponiet dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ", "iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat") ("il-miżuri oriġinali").

(2) Dawn il-miżuri ġew emendati bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/261 ([3]) fl-14 ta' Frar 2019. Id-dazji anti-dumping li bħalissa huma fis-seħħ ivarjaw minn 15,5 % għal 38,1 %.

#### 1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti ([4]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba ġiet sottomessa fit-28 ta' Ottubru 2022 minn Eurofonte ("l-applikant") f'isem seba' produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-industrija tal-Unjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

#### 1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(5) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni, fis-27 ta' Jannar 2023, bdiet rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq il-bażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Avviż ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]) ("l-Avviż ta' Bidu").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 tad-29 ta' Jannar 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 25, 30.1.2018, p. 6).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/261 tal-14 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 44, 15.2.2019, p. 4).
([4]) ĠU C 195, 13.5.2022, p. 23.
([5]) ĠU C 30, 27.1.2023, p. 11

1.3.1. *Perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni*

(6) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.3.2. *Partijiet interessati*

(7) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikant, lill-produtturi tal-Unjoni kollha magħrufin, lill-produtturi magħrufin fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif ukoll lill-importaturi, lill-utenti u lin-negozjanti magħrufin dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(8) Fost il-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom kien hemm il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u għall-Esportazzjoni ta' Makkinarju u ta' Prodotti Elettroniċi ("CCCME"). Wara s-sentenza tal-Qorti fil-kawża C-478/21P ([6]), il-Kummissjoni ddeċidiet, fis-6 ta' Novembru 2023, li titlob lis-CCCME biex tipprovdi Prokura għal produttur esportatur Ċiniż wieħed jew għal aktar minn produttur esportatur Ċiniż wieħed li ddikjarat li tirrappreżenta sabiex tikkonferma l-istatus tagħha bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi tal-prodott iddampjat. Is-CCCME ma pprovdietx tali Prokura, għalhekk il-Kummissjoni ċaħditha bħala parti interessata. Is-CCCME lanqas ma kkummentat dwar ir-rifjut tal-istatus tal-parti interessata tagħha.

(9) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti relatati mal-kummerċ.

1.3.3. *Kampjunar*

(10) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

***Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni***

(11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni fl-2022, kif ukoll il-kopertura ġeografika tal-bejgħ. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 46 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju, iżda ma rċiviet l-ebda kumment. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun magħżul b'mod provviżorju bħala l-kampjun definittiv.

***Kampjunar tal-importaturi***

(12) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(13) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun.

([6]) Is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023 fil-Kawża C-478/21 P, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products u Oħrajn vs Il-Kummissjoni (EU:C:2023:685), b'mod partikolari l-para. 73 – 74.

***Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ***

(14) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(15) Disa' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' kien raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufin kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma sar l-ebda kumment.

(16) Madankollu, wara t-talba sabiex jitlesta l-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi, waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun infurmat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li ma tikkooperax. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għażlet kampjun ġdid ta' produtturi esportaturi, iżda għal darb'oħra waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx se tikkoopera. B'dan il-mod, il-Kummissjoni emendat il-kampjun tliet darbiet differenti u stiednet total ta' ħames produtturi esportaturi sabiex jimlew il-kwestjonarju. L-ebda waħda minn dawn il-kumpaniji ma pprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju.

1.3.4. *Tweġibiet għall-kwestjonarju*

(17) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(18) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun, lill-assoċjazzjoni Ewropea Eurofonte a.s.b.l. u lil ħames produtturi esportaturi. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([7]) fil-jum tal-bidu.

(19) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, mill-assoċjazzjoni Ewropea Eurofonte a.s.b.l. u minn żewġ importaturi mhux relatati, Fundición Dúctil para Obras Publicas S.A. u Capa - Engenharia e Construções Metalomecânicas S.A. L-ebda wieħed mill-utenti ma pprovda kwestjonarju jew ippreżenta ruħu matul l-investigazzjoni.

(20) Minħabba li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi jew mill-GTĊ, is-sejbiet fir-rigward tal-probabilità ta' dumping u dannu saru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lill-Unjoni Ewropea ġiet informata dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment.

1.3.5. *Verifika*

(21) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni meħtieġa disponibbli mill-partijiet li kkooperaw għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u ta' ħsara u tal-interess tal-Unjoni.

(22) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

***Produtturi tal-Unjoni***

— EJ Picardie SAS, Franza

— MeierGuss GmbH & Co. KG, il-Ġermanja

— Fundiciones de Odena SA. Spanja.

([7]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2648

1.3.6. *Proċedura sussegwenti*

(23) Fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien biħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(24) Il-kummenti li għamlu l-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ttieħdu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq. Eurofonte kienet l-unika parti li ppreżentat kummenti li kienu jappoġġjaw is-sejbiet tal-Kummissjoni. Ma saritx talba għal seduta.

## 2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 2.1. **Prodott taħt rieżami**

(25) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa ċerti oġġetti tal-ħadid fondut bil-grafit lamellari (ħadid griż) jew tal-ħadid fondut bil-grafit sferojdali (magħruf ukoll bħala ħadid fondut duttili), u partijiet tagħhom. Dawn l-oġġetti huma ta' tip użat biex:

— ikopru l-art jew sistemi ta' taħt il-wiċċ, u/jew fetħiet f'sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ, u wkoll

— aċċess għal sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ u/jew jipprovdu ħarsa lejn is-sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ.

(26) L-oġġetti jistgħu jinħadmu f'magna, jinksew, jinżebgħu u/jew mgħammra b'materjali oħra bħal, iżda mhux biss, konkrit, ċangaturi tal-pavimentar, jew madum ("il-prodott taħt rieżami").

(27) It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott taħt rieżami:

— spralli tal-kanali u uċuħ fonduti soġġetti għall-istandard EN 1433, biex jiġu ffittjati bħala komponent fuq kanali tal-polimeru, tal-plastik, tal-azzar galvanizzat jew tal-konkrit li jippermettu l-fluss tal-ilma tas-superfiċje għal ġol-kanal,

— katusi għall-iskular tal-art, katusi għall-iskular tal-bjut, cleanouts u għotjien tal-cleanouts, soġġetti għall-istandard EN 1253,

— turġien tal-ħadid, vireg tal-irfigħ, u idraturi tan-nirien.

### 2.2. **Prodott ikkonċernat**

(28) Il-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7325 10 00 u ex 7325 99 10 (kodiċijiet TARIC 7325 10 00 31 u 7325 99 10 60).

### 2.3. **Prodott simili**

(29) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ;

— il-prodott taħt rieżami mmanifatturat u mibjugħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; u

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(30) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Kummenti preliminari**

(31) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut mir-RPĊ komplew, għalkemm f'livelli aktar baxxi milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016). Skont il-Eurostat, l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħadid fondut mir-RPĊ ammontaw għal madwar 4,7 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta mqabblin ma' sehem mis-suq ta' 27,3 % matul l-investigazzjoni oriġinali. F'termini assoluti, il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqas minn 147 186 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali għal 22 146 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(32) Kif huwa msemmi fil-premessa (20), l-ebda wieħed mill-esportaturi/produtturi mir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tar-RPĊ li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tar-RPĊ. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta f'dan ir-rigward.

(33) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni sottomessa mat-talba għal rieżami u l-informazzjoni miksuba mill-partijiet li kkooperaw matul l-investigazzjoni tar-rieżami (jiġifieri, l-applikant u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun).

### 3.2. **Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-RPĊ**

(34) Minħabba li l-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kellha t-tendenza li turi, fir-rigward tar-RPĊ, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(35) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tal-Avviż ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku sal-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(36) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina l-pajjiżi xierqa possibbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(37) Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati permezz ta' nota għall-fajl dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bit-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi ta' produzzjoni kollha, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti

bbażati fuq rapporti finanzjarji aggregati mill-Istatistiki tal-Kontijiet tal-Kumpaniji ([8]) għal 892 kumpanija profittabbli attivi fil-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi, komunement imsejħa NACE, il-kategorija 24.5 "oġġetti tal-metalli tal-ħadid fondut", il-produtturi fil-pajjiż rappreżentattiv, ikkompilati mill-Bank Ċentrali tat-Turkija u mill-Istitut Tork tal-Istatistika. Ma wasal l-ebda kumment.

### 3.3. **Valur normali**

(38) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(39) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "[f]il-każ li jiġi determinat […] li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem imsejħin "SG&A").

(40) Kif spjegat ulterjorment hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

#### 3.3.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(41) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ ([9]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(42) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ u li dan jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([10]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([11]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz

([8]) L-Istatistiki tal-Kontijiet tal-Kumpaniji, disponibbli fuq https://www3.tcmb.gov.tr/sektor/#/en.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444 tal-11 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-pjanċi b'bastun tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Turkija (ĠU L 177, 12.7.2023, p. 63); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100 tal-11 ta' Jannar 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kartelli tal-azzar inossidabbli li jistgħu jimtlew mill-ġdid u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 10, 12.1.2023, p. 36); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 149); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 tal-24 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indoneżja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, 25.1.2022, p. 36).

([10]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 66; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 58; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 80; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 208, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 59.

([11]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 45; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 38; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 64; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 192, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 46.

tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([12]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([13]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jinżammu ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([14]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([15]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([16]).

(43) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti dwar is-settur tal-ħadid u tal-azzar fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Significant Distortions in the Economy of the People's Republic of China for the Purposes of Trade Defense Investigations" ([17]) ("ir-Rapport"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(44) It-talba allegat li l-ekonomija Ċiniża kollha kemm hi hija influwenzata u affettwata ħafna minn interventi sostanzjali tal-gvern, u minħabba dan il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi tal-industrija tal-azzar Ċiniża ma jistgħux jintużaw f'din l-investigazzjoni.

([12]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 58; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 40; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 66; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessi 193-194, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 47. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal ewlieni tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif huwa previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont id-dritt tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif huwa speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, sa minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ l-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % minn madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([13]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 59; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 43; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 68; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessi 195-201, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessi 48-52.

([14]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 62; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 52; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 74; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 202, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 53.

([15]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 45; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 33; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 75; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 203, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 54.

([16]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 64; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 54; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 76; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 204, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 55.

([17]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2017) 483 final/2, 20. 12. 2017, disponibbli minn: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2017)483&lang=en

(45) B'mod aktar speċifiku, it-talba indikat li fl-isfond tal-prinċipju "ekonomija tas-suq soċjalista" stabbilita fil-Kostituzzjoni tar-RPĊ, l-omnipreżenza tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") u l-influwenza tal-gvern fuq l-ekonomija permezz ta' inizjattivi ta' ppjanar strateġiku, l-intervenzjoniżmu tal-GTĊ jieħu diversi forom, jiġifieri amministrattivi, finanzjarji u regolatorji. Bħala konsegwenza, it-talba kkonkludiet li mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-ħadid fondut ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-input kollha inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament jew il-manodopera, ukoll huma soġġetti għal distorsjoni minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern.

(46) It-talba pprovdiet eżempji ta' elementi li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet, kif elenkati fl-ewwel sas-sitt sing tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, b'referenza għal numru ta' sorsi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, bħar-Rapport, investigazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni fis-settur tal-azzar, il-leġiżlazzjoni Ċiniża, kif ukoll għal sorsi addizzjonali, l-applikant issottometta li:

— L-Istat Ċiniż mhux biss jiffurmula u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi ġenerali mill-intrapriżi individwali tal-Istat ("SOEs"), iżda jsostni wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali fl-SOEs. Tipikament dan isir permezz tar-rotazzjoni ta' uffiċjali tal-partit (cadres) bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-SOEs, permezz tal-preżenza ta' membri tal-partit fuq il-korpi eżekuttivi tal-SOEs u ta' ċelloli tal-partit fil-kumpaniji, kif ukoll permezz tat-tfassil tal-istruttura korporattiva tas-settur tal-SOEs. Bi skambju għal dan, l-SOEs igawdu status partikolari fl-ekonomija Ċiniża. Dan l-istatus jinvolvi numru ta' benefiċċji ekonomiċi, b'mod partikolari l-protezzjoni mill-kompetizzjoni u l-aċċess preferenzjali għall-inputs rilevanti, inklużi l-finanzjament, l-art u l-enerġija. Dawn il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika huma ta' pressjoni partikolarment urġenti fuq is-settur tal-azzar li fih għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-Gvern Ċiniż u li fih il-GTĊ għandu l-għan li jikkonsolida 60 % tal-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar f'madwar għaxar intrapriżi fuq skala kbira sal-2025.

— Fid-dawl tal-applikabbiltà ġenerali tal-leġiżlazzjoni dwar il-preżenza tas-CCP fil-kumpaniji, ma jistax jiġi preżunt li l-kapaċità tal-GTĊ li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti tkun differenti fir-rigward tal-prodott taħt rieżami meta mqabbel mas-settur tal-azzar b'mod ġenerali. Għalhekk, l-Istat huwa fil-pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti, b'mod partikolari permezz taċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, inkluż fir-rigward tal-produtturi tal-ħadid fondut u tal-forniturі tal-inputs tagħhom.

— Il-preżenza tal-Istat u l-intervent mill-Istat fis-swieq finanzjarji kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u ta' inputs iħallu effett distorsiv addizzjonali fuq is-suq. Pereżempju, it-13 u l-14-il FYP daħħlu fis-seħħ miżuri li jippermettu lill-GTĊ iżid u jikkontrolla l-provvista, id-distribuzzjoni u s-sjieda tal-materja prima, jiġifieri permezz ta' restrizzjonijiet fuq il-volumi tal-esportazzjoni u reġim ta' liċenzjar tal-esportazzjoni flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-investiment li jnaqqsu l-prezzijiet domestiċi u jippermettu l-aċċess tal-industrija downstream għal materja prima orħos, u b'hekk jimpedixxu lill-forzi tas-suq milli joperaw b'mod normali. B'mod partikolari, dan instab li huwa l-każ fis-suq tal-materja prima tal-produzzjoni tal-azzar kif ukoll fir-rigward tal-mineral tal-ħadid, iż-żewġ inputs upstream ewlenin għall-prodott taħt rieżami. Barra minn hekk, iċ-Ċina dan l-aħħar imponiet tariffi tal-esportazzjoni u stabbiliet ribassi tal-VAT li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, ruttam tal-azzar, ħadid fondut grezz, azzar mhux maħdum, materja prima tal-azzar riċiklat u ferrokrom, li huma l-materja prima ewlenija kollha għall-prodott taħt rieżami.

— Fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari. Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu spiss ikunu distorti għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju hija influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ – li tirriżulta fil-preżenza ta' "kumpaniji żombi" li jaggravaw l-allokazzjoni ħażina tal-kapital -u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern. Barra minn hekk, il-kostijiet tat-teħid b'self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jistimulaw it-tkabbir tal-investiment, li wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment u ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu.

— Il-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekklin fid-drittijiet tagħhom għall-organizzazzjoni kollettiva u għall-mobbiltà permezz tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi *hukou*, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali u ta' benefiċċji oħrajn. Dan iwassal biex il-kostijiet lavorattivi jkunu distorti minħabba li ma humiex ir-riżultat ta' forzi normali tas-suq jew ta' negozjati bejn il-kumpaniji u l-forza tax-xogħol.

— Il-politika tal-enerġija tal-GTĊ tinċentiva żżejjed il-produzzjoni tal-faħam, li jintuża fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ħadid fondut u b'hekk tfixkel il-prezz tagħhom fiċ-Ċina.

— Barra minn hekk, l-allokazzjoni preferenzjali tar-riżorsi lil ċerti produtturi domestiċi hija partikolarment ovvja fir-rigward tas-sjieda tad-drittijiet tal-art u tal-użu tal-art fiċ-Ċina, bl-art kollha proprjetà tal-Istat, l-allokazzjoni tiegħu tibqa' tiddependi biss fuq l-Istat u l-awtoritajiet li spiss isegwu għanijiet politiċi inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi – kif stabbilit fit-13-il FYP - meta jallokaw l-art.

(47) Bħala konklużjoni, it-talba ħadet il-pożizzjoni li l-prezzijiet jew il-kostijiet, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament Bażiku. Fuq dik il-bażi, skont it-talba, f'dan il-każ ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

(48) Il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-applikant, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

(49) Speċifikament fis-settur tal-prodott taħt rieżami, jiġifieri s-settur tal-ħadid u tal-azzar, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku. Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika. Eżempji jinvolvu l-Baowu Steel Group – li huwa SOE taħt is-SASAC ċentrali ([18]) – u s-sussidjarji tiegħu Chongqing Iron & Steel Company Ltd. ([19]) u Maanshan Iron & Steel Company Limited ([20]); il-Baotou Steel Group - SOE miżmuma mill-Gvern Intern tal-Mongolja ([21]) -, Angang Steel Group - SOE taħt is-SASAC ċentrali ([22]), kif ukoll il-Grupp Shougang - SOE 100 % miżmuma minn Beijing State-Owned Asset Management Ltd. ([23]) Peress li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi tal-prodott taħt rieżami, il-proporzjon eżatt tal-produtturi privati u tal-Istat ma setax jiġi determinat. Madankollu, filwaqt li jista' ma jkunx hemm informazzjoni speċifika disponibbli għall-prodott taħt rieżami, is-settur jirrappreżenta sottosettur tal-industrija tal-ħadid u tal-azzar u s-sejbiet li jikkonċernaw is-settur tal-ħadid u tal-azzar huma għalhekk meqjusa bħala indikattivi wkoll għall-prodott taħt rieżami.

(50) L-aktar dokumenti ta' politika Ċiniżi reċenti dwar is-settur tal-ħadid u tal-azzar jikkonfermaw l-importanza kontinwa li l-GTĊ jattribwixxi lis-settur, inkluża l-intenzjoni li jintervjeni fis-settur sabiex jifformah f'konformità mal-politiki tal-gvern. Jingħata eżempju ta' dan mill-abbozz ta' Opinjoni Gwida tal-MIIT dwar it-Trawwim ta' Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Azzar li titlob aktar konsolidazzjoni tal-pedament industrijali u titjib sinifikanti fil-livell ta' modernizzazzjoni tal-katina industrijali ([24]), mill-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima li jgħid li s-settur se "jaderixxi mal-kombinazzjoni tat-tmexxija tas-suq u l-promozzjoni tal-gvern" u se "jikkultiva grupp ta' kumpaniji ewlenin bi tmexxija ekoloġika u b'kompetittività ewlenija" ([25]), jew mill-Pjan ta' Ħidma tal-2023 dwar it-Tkabbir Stabbli tal-Industrija tal-Azzar ([26]) li jistabbilixxi l-objettivi li ġejjin: "Fl-2023, […]l-investiment f'assi fissi fl-industrija kollha għandu jżomm tkabbir kostanti, u l-benefiċċji ekonomiċi għandhom

([18]) Ara: http://wap.sasac.gov.cn/n2588045/n27271785/n27271792/c14159097/content.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([19]) Ara: www.cqgt.cn (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([20]) Ara: https://www.magang.com.cn/ (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([21]) Ara: https://www.qixin.com/company/ab02483a-5ed7-49fe-b6e6-8ea39dc4dc80 (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([22]) Ara: http://www.ansteel.cn/about/company_profile/ (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([23]) Ara: https://www.qcc.com/firm/d620835aaae14e62fdc965fd41a51d8d.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([24]) Ara: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-02/08/content_5672513.htm (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([25]) Ara t-Taqsima IV, is-Sottotaqsima 3 tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.
([26]) Ara: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2023/art_2a4233d696984ab59610e7498e333920.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

jittejbu b'mod sinifikanti; l-investiment fir-R&Ż tal-industrija eventwalment għandu jilħaq il–1,5 %; il-valur miżjud tal-industrija għandu jilħaq madwar it–3,5 %; fl-2024, l-ambjent tal-iżvilupp tal-industrija u l-istruttura tal-industrija għandhom jiġu ottimizzati aktar, il-mixja lejn prodotti ta' livell għoli, intelliġenti u ekoloġiċi għandha tkompli, u t-tkabbir tal-valur miżjud tal-industrija għandu jaqbeż l-4 %", u li tipprevedi konsolidazzjoni korporattiva mandata mill-gvern tas-settur tal-azzar: "it-tħeġġiġ lill-intrapriżi ewlenin fl-industrija sabiex jimplimentaw fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, jibnu gruppi ta' intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar kbar ħafna u tal-ogħla klassi, u t-trawwim tat-tifsila ottimali tal-kapaċità tal-produzzjoni nazzjonali tal-ħadid u tal-azzar. L-appoġġ għall-intrapriżi speċjalizzati b'setgħa ewlenija b'mod partikolari segmenti tas-suq tal-azzar sabiex ikomplu jintegraw ir-riżorsi u joħolqu ekosistema tal-industrija tal-azzar. It-tħeġġiġ lill-intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar sabiex iwettqu attivitajiet trans-reġjonali […] fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet […]. Il-kunsiderazzjoni tal-għoti ta' appoġġ ta' politika akbar għas-sostituzzjoni tal-kapaċità lill-intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar li wettqu fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet sostantivi."

(51) Eżempji simili tal-intenzjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jissorveljaw u jiggwidaw l-iżviluppi tas-settur jidhru fil-livell provinċjali, bħal f'Hebei li qed jippjana li "jimplimenta b'mod kostanti l-iżvilupp tal-grupp ta' organizzazzjonijiet, jaċċellera r-riforma tas-sjieda mħallta ta' intrapriżi tal-Istat, jiffoka fuq il-promozzjoni tal-fużjoni u r-riorganizzazzjoni interreġjonali tal-intrapriżi privati tal-ħadid u tal-azzar, u jistinka biex jistabbilixxi minn wieħed sa żewġ (1-2) gruppi kbar ta' klassi dinjija, minn tlieta sa ħames (3-5) gruppi kbar b'influwenza domestika bħala appoġġ" u li "jespandi aktar il-kanali tar-riċiklaġġ u taċ-ċirkolazzjoni tar-ruttam tal-azzar, u jsaħħaħ l-iskrinjar u l-klassifikazzjoni tar-ruttam tal-azzar." ([27]) Barra minn hekk, il-pjan ta' Hebei fis-settur tal-azzar jiddikjara: "Ikun hemm konformità mal-aġġustament strutturali u tiġi enfasizzata d-diversifikazzjoni tal-prodott. Jiġi promoss mingħajr waqfien l-aġġustament strutturali u jiġi ottimizzat it-tqassim tal-industrija tal-ħadid u tal-azzar, tiġi promossa l-konsolidazzjoni, ir-riorganizzazzjoni, it-trasformazzjoni u l-aġġornament tal-intrapriżi, u jiġi promoss b'mod komprensiv l-iżvilupp tal-industrija tal-ħadid u tal-azzar lejn intrapriżi fuq skala kbira, il-modernizzazzjoni tat-tagħmir tekniku, id-diversifikazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni, u d-diversifikazzjoni tal-prodotti downstream".

(52) Bl-istess mod, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Henan għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar matul l-14-il FYP jipprevedi l-"kostruzzjoni ta' bażijiet karatteristiċi għall-produzzjoni tal-azzar […], il-bini ta' sitt (6) bażijiet ta' produzzjoni karatteristika tal-azzar f'Anyang, Jiyuan, Pingdingshan, Xinyang, Shangqiu, Zhouou, eċċ., u t-titjib tal-iskala, l-intensifikazzjoni, l-ispeċjalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-industrija. Fosthom, sal-2025, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz f'Angyang se tiġi kkontrollata sa 14-il miljun tunnellata, u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum se tiġi kkontrollata sa 15-il miljun tunnellata." ([28])

(53) Aktar objettivi tal-politika industrijali jidhru wkoll fid-dokumenti tal-ippjanar ta' provinċji oħra, bħal Jiangsu ([29]), Shandong ([30]), Shanxi ([31]), Liaoning Dalian ([32]) jew Zhejiang ([33]).

([27]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin tal-Provinċja ta' Hebei dwar l-Iżvilupp tal-Cluster fil-Katina tal-Industrija tal-Azzar, il-Kapitolu I, it-Taqsima 3; disponibbli minn: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20200717/1089773.shtml (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([28]) Ara l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Henan għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar matul l-14-il FYP, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3; disponibbli minn: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20211210/1192881.shtml (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([29]) Il-Pjan ta' Ħidma tal-Provinċja ta' Jiangsu għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tas-Settur tal-Azzar u l-Ottimizzazzjoni tat-Tqassim 2019-2025; disponibbli minn: http://www.jiangsu.gov.cn/art/2019/5/5/art_46144_8322422.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([30]) L-14-il FYP tal-Provinċja ta' Shandong dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Azzar; disponibbli minn: http://gxt.shandong.gov.cn/art/2021/11/18/art_15681_10296246.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([31]) Il-Pjan ta' Azzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar għall-2020 tal-Provinċja ta' Shanxi; disponibbli minn: http://gxt.shanxi.gov.cn/zfxxgk/zfxxgkml/cl/202110/t20211018_2708031.shtml (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([32]) L-14-il FYP tal-Muniċipalità ta' Liaoning Dalian dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Manifattura: "Sal-2025, il-valur tal-output industrijali ta' materjali ġodda se jilħaq 15-il miljun CNY, u l-livell ta' tagħmir u l-kapaċità ta' garanzija tal-materjali ewlenin huwa ovvjament imtejjeb."; disponibbli minn: https://www.dl.gov.cn/art/2021/12/20/art_854_1995411.html (aċċessat fil-5 ta' Diċembru 2022).

([33]) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Provinċja ta' Zhejiang biex Jitrawwem Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Azzar: "Trawwem fużjonijiet u riorganizzazzjoni tal-intrapriżi, taċċellera l-proċess ta' konċentrazzjoni, tnaqqas in-numru ta' intrapriżi tat-tidwib tal-azzar għal madwar għaxar (10) intrapriżi"; disponibbli minn: https://www.dl.gov.cn/art/2021/12/20/art_854_1995411.html (aċċessat fil-5 ta' Diċembru 2022).

(54) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi esportaturi, kien impossibbli li tiġi stabbilita sistematikament l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott taħt rieżami u s-CCP. Madankollu, hemm xi eżempji speċifiċi disponibbli dwar il-prodott taħt rieżami. Barra minn hekk, minħabba li l-prodott taħt rieżami jirrappreżenta sottosettur tas-settur tal-metall, l-informazzjoni disponibbli fir-rigward tal-produtturi tal-azzar hija rilevanti wkoll għall-prodott taħt rieżami.

(55) Pereżempju, il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-Baotou Steel Union, li jappartjeni għall-Grupp Baotou Steel iservi wkoll bħala s-segretarju tal-Partit tal-kumpanija, bil-President tat-trade union tal-kumpanija li huwa l-Viċi-Segretarju tal-Partit ([34]). Fuq l-istess nota, fi ħdan il-Grupp Shougang, il-President tal-Bord tad-Diretturi jservi bħala s-segretarju tal-Kumitat tal-Partit filwaqt li l-Viċi Maniġer Eżekuttiv huwa membru tal-Kumitat tal-Partit ([35]). Bl-istess mod, figura ewlenija tal-kumpanija Hongguang Handan iddikjarat pubblikament li mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ mhux l-anqas permezz ta' garanziji pprovduti mill-GTĊ u mis-CCP, li huwa involut b'aktar minn 20 membru f'Hongguang Casting Co. Ltd., l-impriża ma kinitx tirnexxi hekk kif għamlet ([36]). Eżempju ieħor ta' lealtà għas-CCP jista' jinstab fl-Artikolu 3 tal-Assoċjazzjoni tal-Fonderiji taċ-Ċina li skont dan hija taċċetta l-gwida kummerċjali, is-superviżjoni u l-ġestjoni mill-entitajiet rispettivi tal-partit, eż., l-SASAC u l-Ministeru għall-Affarijiet Ċivili, u jipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-parteċipazzjoni tagħha ([37]).

(56) Barra minn hekk, politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b), tar-Regolament bażiku huma stabbiliti fis-settur tal-prodott taħt rieżami. L-investigazzjoni identifikat aktar dokumenti li juru li l-industrija tibbenefika minn gwida u minn intervent governattivi fis-settur tal-ħadid u tal-azzar, minħabba li l-prodott taħt rieżami jirrappreżenta wieħed mis-subsetturi tagħha.

(57) L-industrija tal-ħadid u tal-azzar tibqa' titqies bħala industrija ewlenija mill-GTĊ ([38]). Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq is-settur, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali. Skont l-14-il FYC, il-GTĊ immarka lill-industrija tal-ħadid u tal-azzar għat-trasformazzjoni u għall-aġġornament, kif ukoll għall-ottimizzazzjoni u għall-aġġustament strutturali ([39]). B'mod simili, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, applikabbli wkoll għall-industrija tal-azzar, jelenka s-settur bħala l-"pedament tal-ekonomija reali" u "qasam ewlieni li jsawwar il-vantaġġ kompetittiv internazzjonali taċ-Ċina" u jistabbilixxi għadd ta' objettivi u metodi ta' ħidma li jixprunaw l-iżvilupp tas-settur fil-perjodu ta' żmien 2021-2025, bħal aġġornament teknoloġiku, it-titjib tal-istruttura tas-settur (mhux l-anqas permezz ta' aktar konċentrazzjonijiet korporattivi) jew it-trasformazzjoni diġitali ([40]). Barra minn hekk, il-Pjan ta' Ħidma msemmi hawn fuq (ara l-premessa (50)) dwar it-Tkabbir Stabbli tal-Industrija tal-Azzar juri kif il-fokus tal-awtoritajiet Ċiniżi fuq is-settur jitqiegħed fil-kuntest usa' tal-GTĊ li jmexxi l-ekonomija Ċiniża: "l-appoġġ lill-kumpaniji tal-azzar sabiex isegwu mill-qrib il-ħtiġijiet ta' infrastruttura ġdida, ta' urbanizzazzjoni ġdida, ta' rivitalizzazzjoni rurali, u ta' industriji emerġenti, l-allinjament ma' proġetti kbar tal-inġinerija relatati mal-"14-il Pjan ta' Ħames Snin" f'diversi reġjuni, u t-twettiq ta' kull sforz sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-azzar. L-istabbiliment u l-approfondiment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni upstream u downstream bejn is-settur tal-azzar u s-setturi ewlenin li jużaw l-azzar bħat-tarzna, it-trasport, il-kostruzzjoni, l-enerġija, il-karozzi, l-apparati domestiċi, il-makkinarju agrikolu, u t-tagħmir tqil, it-twettiq ta' attivitajiet ta' allinjament tal-produzzjoni u tad-domanda, u l-espansjoni b'mod attiv tal-oqsma tal-applikazzjoni tal-azzar" ([41]).

([34]) Ara: https://www.baoganggf.com/ggry (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([35]) Ara: https://www.shougang.com.cn/sgweb/html/gsld.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([36]) Ara: https://www.handannews.com.cn/news/content/2023-05/20/content_20113749.html (aċċessat fid-9 ta' Ottubru 2023).
([37]) Ara: https://foundry.org.cn/%e5%8d%8f%e4%bc%9a%e7%ab%a0%e7%a8%8b (aċċessat fid-9 ta' Ottubru 2023).
([38]) Ir-Rapport, il-Parti III, il-Kapitolu 14, p. 346 ff.
([39]) Ara l-14-il Pjan ta' Ħames Snin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fit-Tul għall-2035, il-Parti III, l-Artikolu VIII, disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/publication/china-14th-five-year-plan/ (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).
([40]) Ara b'mod partikolari t-Taqsimiet I u II tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.
([41]) Ara: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2023/art_2a4233d696984ab59610e7498e333920.html (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

(58) Barra minn hekk, fir-rigward tal-mineral tal-ħadid - materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami - skont l-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP", Five year Plan) dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, l-Istat qiegħed jippjana li "jiżviluppa b'mod razzjonali r-riżorsi minerali domestiċi. Isaħħaħ l-esplorazzjoni tal-minerali tal-ħadid […], jimplimenta politiki tat-taxxa preferenzjali, iħeġġeġ l-adozzjoni ta' teknoloġija u ta' tagħmir avvanzati sabiex inaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart solidu mill-minjieri" ([42]) li jwassal għall-istabbiliment ta' sistema għar-riżervi tal-produzzjoni tal-minerali tal-ħadid u tal-artijiet tal-minerali li se "jsiru miżura importanti sabiex jiġi stabbilizzat il-prezz tas-suq tal-minerali tal-ħadid u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-katina industrijali" ([43]). Fil-provinċji, bħal Hebei, l-awtoritajiet jipprevedu dan li ġej għas-settur: "sussidju ta' skont fuq l-investiment ta' proġett ġdid; jesplora u jiggwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu self b'imgħax baxx lill-intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar sabiex jaqilbu għal industriji ġodda, u fl-istess ħin, il-gvern se jipprovdi sussidji ta' skont" ([44]). Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti sabiex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jappoġġaw lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-materja prima ewlenija li tintuża fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(59) Il-prodott taħt rieżami huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessi (42) u (46). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema ta' xogħol fir-RPĊ) ([45]).

(60) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott taħt rieżami ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessi (42) u (46). Il-Pjan ta' Ħidma msemmi hawn fuq (ara l-premessa (50)) dwar it-Tkabbir Stabbli juri wkoll dan it-tip ta' intervent tal-gvern tajjeb ħafna: "It-tħeġġiġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu b'mod attiv servizzi finanzjarji lill-kumpaniji tal-azzar li jimplimentaw fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet, aġġustamenti tat-tifsila, trasformazzjoni u aġġornament, f'konformità mal-prinċipji tal-kontroll tar-riskju u tas-sostenibbiltà tan-negozju." Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(61) Fl-aħħar, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi manifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa għadd ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt rieżami jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li dawn iħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Minbarra dan, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(62) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

([42]) Ara l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, p. 22.

([43]) Ara: https://en.ndrc.gov.cn/news/mediarusources/202203/t20220325_1320408.html (aċċessat fil-5 ta' Ottubru 2023).

([44]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni 1 + 3 tal-2022 dwar il-Ħadid u l-Azzar tal-Muniċipalità ta' Hebei Tangshan, il-Kapitolu 4, it-Taqsima 2; disponibbli fuq: http://www.chinaisa.org.cn/gxportal/xfgl/portal/content.html?articleId=e2bb5519aa49b566863081d57aea9dfdd59e1a4f482bb7acd243e3ae7657c70b&columnId=3683d857cc4577e4cb75f76522b7b82cda039ef70be46ee37f9385ed3198f68a (aċċessat fit-13 ta' Settembru 2023).

([45]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 63; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa 33.

(63) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

(64) L-ebda evidenza jew argument għall-kuntrarju ma tressqu mill-GTĊ f'din l-investigazzjoni.

3.3.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

3.3.2.1. Kummenti ġenerali

(65) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([46]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([47]);

— Id-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.

— F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(66) Kif spjegat fil-premessa (37), il-Kummissjoni ħarġet nota għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali fil-31 ta' Mejju 2023. Din in-nota ddeskriviet il-fatti u l-evidenza sottostanti għall-kriterji relevanti, informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

(67) F'konformità mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ. It-Turkija hija klassifikata mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross. Barra minn hekk, it-Turkija ġiet identifikata bħala pajjiż fejn il-prodott taħt rieżami qiegħed jiġi prodott u fejn *data* rilevanti kienet faċilment disponibbli.

(68) Fl-aħħar, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni u wara li ġie stabbilit li t-Turkija kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku.

3.3.2.2. Konklużjoni

(69) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif propost fit-talba għal rieżami ta' skadenza u minħabba li t-Turkija ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet lit-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([46]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

([47]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami.

3.3.3. *Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(70) Fin-nota dwar is-sorsi rilevanti li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza aġġornata kif xieraq meta kienet disponibbli informazzjoni aktar akkurata. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-Global Trade Atlas ("GTA") ([48]) sabiex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża informazzjoni minn: l-Istitut Tork tal-Istatistika ([49]) għall-istabbiliment ta' kostijiet mingħajr distorsjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-manodopera, l-Uffiċċju tal-Investiment tat-Turkija ([50]) għall-ilma u minn Türkiye Petrolleri ([51]) għall-fjuwil.

Wara li ddivulgat in-nota dwar is-sorsi rilevanti li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni sabet li ż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass naturali fit-Turkija qabżet ir-rata tal-inflazzjoni fit-Turkija. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass naturali fit-tieni nofs tal-2022 ma ġietx ippubblikata mill-Istitut Tork tal-Istatistika. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-kost mingħajr distorsjoni tal-elettriku u tal-gass naturali fil-Malażja, kif stabbilit fil-premessa (81). Tabilħaqq, il-Malażja hija pajjiż b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Barra minn hekk, hija ntużat ukoll bħala pajjiż rappreżentattiv f'investigazzjonijiet simili oħrajn.

(71) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li sabiex tistabbilixxi l-kostijiet SG&A u l-profitt, hija tuża d-*data* finanzjarja mill-Istatistiki tal-Kontijiet tal-Kumpaniji għal 892 kumpanija attivi fil-kategorija 24.5 tal-NACE, kif stabbilit fil-premessa (37).

(72) Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li numru ta' fatturi ta' produzzjoni (bħall-imballaġġ, aċċessorji oħrajn u partijiet) kollha kienu jirrappreżentaw sehem żgħir, li jvarja minn 1 sa 10 %, tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tittratta dawn il-fatturi ta' produzzjoni l-oħrajn bħala "materjal konsumabbli" u esprimiet dan il-materjal konsumabbli bħala perċentwal tal-kost totali tal-materja prima. Dawn il-fatturi ta' produzzjoni kienu jirrappreżentaw 16 % u 7 % tal-kostijiet totali tal-materja prima għall-prodotti tal-ħadid duttili u għall-prodotti tal-ħadid griż rispettivament.

(73) Barra minn hekk, il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmijin aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kostijiet diretti tal-manifattura, abbażi tad-data tal-produttur tal-Unjoni li ġiet ipprovduta mill-applikant, li pprovda informazzjoni speċifika għal dak il-għan.

3.4. **Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni**

3.4.1. *Fatturi ta' produzzjoni*

(74) Meta titqies l-informazzjoni kollha bbażata fuq it-talba u l-informazzjoni sussegwenti miġbura matul il-proċediment, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

*Tabella 1*

**Fatturi ta' produzzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut**

| Fattur ta' Produzzjoni | Kodiċi tal-Komodità | Valur mingħajr distorsjoni (CNY) | Unità ta' kejl |
|---|---|---|---|
| **Materja prima** | | | |
| Ruttam Ferruż jew tal-Azzar | 72044910 | 3,31 | KG |

([48]) http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm.
([49]) https://www.tuik.gov.tr/Home/Index.
([50]) https://www.invest.gov.tr/en/investmentguide/pages/cost-of-doing-business.aspx.
([51]) tppd.com.tr.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kokk u semikokk tal-faħam | 27040010 | 3,34 | KG |
| Ħadid fondut grezz | 720110 | 3,82 | KG |
| Ruttam tal-Ħadid Fondut | 72041000 | 2,20 | KG |
| Liga tal-ħadid - FeMn | 72021900 | 22,08 | KG |
| Liga tal-ħadid - FeSi | 72022100 | 15,24 | KG |
| Liga tal-ħadid - FeSiMg | 72029930 | 21,25 | KG |
| Liga tal-ħadid - oħrajn | 72029980 | 24,20 | KG |
| Briquettes tal-Karbur tas-Siliċju | 28492000 | 11,4 | KG |
| Oqfsa tal-azzar | 730890980018 | 34,90 | KG |
| Żebgħat | 32081090 | 42,14 | KG |
| Ġebla tal-ġir | 252100 | 7,49 | KG |
| **Enerġija** | | | |
| Elettriku | Mhux applikabbli | CNY 0,52/Kwh | Kwh |
| Gass Naturali | Mhux applikabbli | CNY 0,20/Kwh | Kwh |
| Ilma | Mhux applikabbli | CNY 10,17/M3 | $M^3$ |
| Fjuwil | Mhux applikabbli | CNY 4,63/L | L |
| **Manodopera** | | | |
| Manodopera | Mhux applikabbli | CNY 36,56/siegħa | Sigħat |

3.4.1.1. Materja prima

(75) Il-proċessi tal-produzzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut huma globalment simili, mingħajr differenzi sinifikanti bejn il-proċessi tal-produzzjoni fir-RPĊ, fl-Unjoni u f'pajjiżi oħrajn. Il-proċess tal-produzzjoni u l-fatturi ta' produzzjoni varjaw kemxejn skont jekk l-oġġett tal-ħadid fondut kienx magħmul minn ħadid griż jew magħmul minn ħadid duttili. Dawn iż-żewġ tipi ta' oġġetti tal-ħadid fondut ġew esportati mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

(76) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb tal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv, kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([52]) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fil-premessa (63) din ikkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew eskluži l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv.

([52]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(77) Għall-fatturi ta' produzzjoni, il-ġebla tal-ġir (il-kodiċi tal-komodità 252100) u l-liga tal-ħadid (oħrajn) (il-kodiċi tal-komodità 72029980), skont l-istatistiki tal-GTA, ma kien hemm l-ebda kwantità ta' importazzjoni jew kien hemm kwantitajiet insinifikanti fit-Turkija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jfisser li l-prezzijiet tal-importazzjoni medji finali li rriżultaw ma kinux rappreżentattivi biżżejjed. Fid-dawl tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* oħra, il-Kummissjoni kellha tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami. matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-ġebla tal-ġir kienet tirrappreżenta 2 % tal-kostijiet totali tal-materja prima tal-prodotti tal-ħadid fondut duttili u l-liga tal-ħadid (oħrajn) kienet tirrappreżenta 1 % tal-kostijiet totali tal-materja prima tal-prodotti tal-ħadid fondut griż. Peress li l-valur użat għal dawn il-fatturi ta' produzzjoni ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet fil-materjal konsumabbli.

(78) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni u tan-nuqqas ta' elementi oħrajn fil-fajl, fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-applikant, u filwaqt li qieset l-inklużjoni ta' ċerti kostijiet fil-materjal tal-konsum kif spjegat fil-premessi (72) u (77), il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-materjal tal-konsum għall-kostijiet totali tal-materja prima għal 25 % għall-prodotti tal-ħadid duttili u 16 % għall-prodotti tal-ħadid griż. Imbagħad, dawn il-perċentwali ġew applikati għall-valur mingħajr distorsjoni tal-materja prima sabiex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-materja prima u tal-materjal konsumabbli l-oħrajn.

(79) Normalment, ma' dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni jenħtieġ li jiżdiedu l-prezzijiet tat-trasport domestiku wkoll. Madankollu, b'kunsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni kif ukoll tan-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejbien ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jekk jistax jerġa' jseħħ, aktar milli fuq is-sejbien tal-firxa eżatta tiegħu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jsiru aġġustamenti għat-trasport domestiku. Tali aġġustamenti jirriżultaw biss f'żieda tal-valur normali u, b'hekk, tal-marġni tad-dumping.

3.4.1.2. Manodopera

(80) L-Istitut Tork tal-Istatistika jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Turkija. ([53]) Il-Kummissjoni użat l-istatistiki għall-2020, li kienet l-aktar reċenti disponibbli, għall-kost lavorattiv medju għall-attività ekonomika "Manifattura ta' metalli bażiċi" taħt il-kodiċi 24 tal-NACE skont il-klassifikazzjoni NACE Rev.2. Għalhekk, il-kostijiet lavorattivi medji fis-siegħa miksubin b'dan il-mod ġew aġġustati ulterjorment għall-inflazzjoni bl-użu tal-indiċi tal-kost lavorattiv ([54]) sabiex jirriflettu l-kostijiet għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.4.1.3. Enerġija

(81) Il-prezzijiet tal-elettriku fil-Malażja kienu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-kumpanija tal-utilitajiet tal-elettriku TNB ([55]). Il-Kummissjoni użat tariffi applikabbli għall-klijenti fil-kategorija ta' "vultaġġ medju". Il-prezzijiet tal-gass naturali fil-Malażja kienu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-kummissjoni tal-enerġija ([56]). Il-Kummissjoni użat it-tariffi tal-gass naturali applikabbli għall-utenti industrijali fir-raba' trimestru tal-2021 u għażlet medda ta' konsum f'konformità mal-konsum tal-gass naturali mill-applikant.

3.4.1.4. Fjuwil

(82) Türkiye Petrolleri (Turkish Petroleum) tippubblika l-prezzijiet medji għaż-żejt tal-fjuwil fl-ibliet differenti fit-Turkija. F'konformità mat-talba għal rieżami, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet medji tal-fjuwil għal Istanbul Anadolu għall-perjodu minn Jannar 2022 sa Diċembru 2022. ([57]) Peress li l-prezzijiet tal-fjuwil ivarjaw biss marġinalment bejn il-bliet, Istanbul Anadolu tqieset bħala indikatur xieraq għat-Turkija kollha.

([53]) https://data.tuik.gov.tr/Bulten/DownloadIstatistikselTablo?p=FsjYWs9udep3a8vd2aOEDJTGI/j4OMXQ7hW06NadVvxfqfqjMxKjxtm2wtRf4Xel.
([54]) https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=Istihdam%2c-Issizlik-ve-Ucret-108.
([55]) https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1 (ikkonsultat l-aħħar fl-20 ta' Novembru 2023).
([56]) https://www.st.gov.my/en/web/consumer/details/2/10 (ikkonsultat l-aħħar fl-20 ta' Novembru 2023).
([57]) tppd.com.tr.

3.4.1.5. Ilma

(83) Għall-prezz tal-ilma, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet medji applikabbli fit-Turkija għall-kost tal-ilma għall-użu industrijali kif ippreżentati mill-Uffiċċju tal-Investiment tal-Presidenza tar-Repubblika tat-Turkija. ([58])

3.4.1.6. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti

(84) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(85) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura għall-kostijiet totali tal-manifattura u lavorattivi. Imbagħad, dan il-perċentwal ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kost tal-manifattura biex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura.

(86) Sabiex tistabbilixxi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u għall-profitt, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-aktar finanzjarja reċenti disponibbli għat-892 kumpanija Torka attivi fil-kategorija 24.5 tal-NACE, kif stabbilit fil-premessa (37).

3.4.2. *Kalkolu tal-valur normali*

(87) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott (oġġetti tal-ħadid griż u oġġetti tal-ħadid fondut tal-ħadid duttili) fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(88) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur (il-materjali, l-enerġija u l-manodopera) għall-produzzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut. Il-Kummissjoni mmoltiplikat l-użu ta' kull fattur bil-kostijiet mhux distorti għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, it-Turkija.

(89) Ladarba ġie stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitt, kif innotat fit-taqsima 3.4.1.6. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ġew iddeterminati abbażi tad-data pprovduta mill-applikant. L-SG&A u l-profitt ġew iddeterminati fuq il-bażi tal-medja tal-valuri rrapportati għat-892 kumpanija Torka attivi fil-kategorija 24.5 tal-NACE għall-2022. ([59]) Il-Kummissjoni żiedet l-entrati li ġejjin fil-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura:

— L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, li b'kollox kienu jammontaw għal [20-25] % tal-kost dirett tal-manifattura għall-prodotti tal-ħadid duttili u [15-20] % għall-prodotti tal-ħadid griż ([60]),

— L-SG&A u kostijiet oħra, li rrappreżentaw 10,07 % tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa ("COGS"), u

— Il-profitti, li ammontaw għal 7,98 % tas-COGS, ġew applikati għall-kostijiet totali mingħajr distorsjoni tal-manifattura.

(90) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

([58]) https://www.invest.gov.tr/en/investmentguide/pages/cost-of-doing-business.aspx.
([59]) L-Istatistiki tal-Kontijiet tal-Kumpaniji, disponibbli fuq https://www3.tcmb.gov.tr/sektor/#/en.
([60]) Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, iċ-ċifri huma pprovduti f'meded peress li din l-informazzjoni fit-talba għal rieżami ta' skadenza hija bbażata fuq l-informazzjoni ta' żewġ produtturi tal-Unjoni.

### 3.5. **Prezz tal-esportazzjoni**

(91) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat billi ntużaw il-prezzijiet CIF estratti mid-*data* tal-Eurostat, ikkoreġuti sabiex jinkiseb livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika. Għalhekk, il-prezz CIF tnaqqas bil-kost tat-trasport bil-baħar u tal-assigurazzjoni u l-kost tat-trasport domestiku. Il-kostijiet tat-trasport domestiku Ċiniż u internazzjonali kienu bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami.

### 3.6. **Tqabbil**

(92) Il-Kummissjoni qabblet, għal kull tip ta' prodott, il-valur normali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif stabbilit hawn fuq.

### 3.7. **Marġni tad-dumping**

(93) Fuq din il-bażi, id-differenza bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali maħdum instabet li kienet sinifikanti (aktar minn 60 %). Għalhekk ġie konkluż li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 4. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(94) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jitħassru l-miżuri. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni. Huwa mfakkar li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll mill-GTĊ, l-analiżi kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari t-talba għal rieżami, l-istatistiki tal-GTA u informazzjoni disponibbli oħra.

### 4.1. **Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ**

(95) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba tiegħu għal rieżami.

(96) L-investigazzjoni wriet li kien hemm kapaċità żejda ġenerali fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti tla-ħadid fondut fiċ-Ċina matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-kapaċità tal-produzzjoni ([61]) fiċ-Ċina matul dan il-perjodu kienet stmata li hija ta' 1 031 292 tunnellata fis-sena. Skont l-intelliġenza tas-suq tal-applikant, il-produzzjoni u l-bejgħ attwali Ċiniżi ammontaw għal 408 654 tunnellata fis-sena, li indikaw kapaċità ta' riżerva stmata ta' 622 638 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Din il-kapaċità ta' riżerva, li kienet aktar mill-konsum totali tal-Unjoni matul l-istess perjodu, tista' tiġi ddevjata lejn l-Unjoni jekk il-miżuri kurrenti ma jibqgħux japplikaw.

(97) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti, li jistgħu jintużaw għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni fi kwantitajiet kbar bi prezzijiet oġġett ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 4.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(98) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza, is-suq tal-Unjoni għal ċerti oġġetti tal-ħadid fondut baqa' attraenti għall-esportaturi Ċiniżi. Mill-investigazzjoni oriġinali, l-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi. Is-sehem mis-suq li qabel kien miżmum mir-RPĊ parzjalment ittieħed minn pajjiżi terzi oħrajn, bħall-Indja u t-Turkija, li żiedu l-volumi tal-esportazzjoni tagħhom tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni mill-investigazzjoni preċedenti. Fl-istess ħin, ir-RPĊ kienet għadha t-tielet l-akbar esportatur ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan juri li l-Unjoni hija suq attraenti għall-esportaturi miċ-Ċina.

([61]) Kif irrapportat fl-Anness C.05 tat-talba għal rieżami.

(99) Is-suq tal-Unjoni għal ċerti oġġetti tal-ħadid fondut huwa wieħed mill-akbar fid-dinja, b'konsum ta' 467 544 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Skont it-talba għal rieżami ta' skadenza, il-fonderiji Ċiniżi stabbilew rabtiet mal-importaturi u man-networks ta' distribuzzjoni tul ħafna snin ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni. L-evidenza pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami ta' skadenza wriet li l-produtturi Ċiniżi kienu qegħdin joffru oġġetti tal-ħadid fondut bi prezzijiet baxxi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, is-suq tal-Istati Uniti, wieħed mill-akbar swieq f'termini ta' daqs, huwa protett minn miżuri ta' difiża tal-kummerċ f'livell ta' 25,52 % ([62]) kontra ċ-Ċina, li jnaqqsu l-aċċess tal-produtturi Ċiniżi għal dak is-suq. Dawn il-miżuri ġew estiżi għal 5 snin oħrajn f'Marzu 2022. Bħala riżultat, dan x'aktarx iwassal għal żieda ulterjuri fl-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni, jekk jiskadu l-miżuri kurrenti.

(100) Anki bil-miżuri fis-seħħ, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni komplew u għandhom sehem mis-suq mhux negliġibbli li wera li s-suq tal-Unjoni għadu attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(101) Għalhekk, abbażi tal-kapaċità żejda sinifikanti fir-RPĊ u tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, jekk il-miżuri kurrenti jiskadu, huwa probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jidderieġu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fi kwantitajiet kbar, bi prezzijiet oġġett ta' dumping.

### 4.3. **Konklużjoni**

(102) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

## 5. **DANNU**

### 5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(103) Il-prodott simili kien immanifatturat minn 22 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(104) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal madwar 467 544 tunnellata. Il-Kummissjoni ddeterminat din iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi fl-Unjoni u l-kwestjonarju makro sottomess minn Eurofonte. Kif indikat fil-premessa (11), fil-kampjun intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 46 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

### 5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(105) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u tad-*data* dwar l-importazzjonijiet mill-Eurostat.

(106) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

**Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni | 451 373 | 432 522 | 484 501 | 467 544 |
| *Indiċi* | *100* | *96* | *107* | *104* |

*Sors*: Il-kwestjonarju dwar id-*data* makroekonomika pprovdut mill-industrija tal-Unjoni u d-*data* tal-Eurostat.

([62]) Federal Register : Certain Iron Construction Castings From Brazil, Kanada and the People's Republic of China: Final Results of Expedited Fifth Sunset Review of Antidumping Duty Orders

(107) B'mod ġenerali, il-konsum tal-Unjoni żdied b'4 %. Fil-fatt, is-suq tal-oġġetti tal-ħadid fondut ivarja skont it-tkabbir ekonomiku fis-suq tal-Unjoni u b'mod aktar speċifiku skont il-volum tal-proġetti infrastrutturali jiġifieri fis-settur tal-ilma u tat-trasport. Fl-2020, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea naqset minħabba l-pandemija u l-lockdowns sussegwenti u hekk ukoll il-konsum ta' oġġetti tal-ħadid fondut li naqas b'4 %. Is-sena 2021 kienet sena ta' rikorrenza ekonomika, li wasslet għall-ilħuq tal-quċċata fil-konsum ta' +12 %. Fl-2022, ix-xogħlijiet pubbliċi fl-Unjoni naqsu u dan wassal għal tnaqqis fil-konsum ta' oġġetti tal-ħadid fondut (– 3,5 % meta mqabbel mal-2021).

### 5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

#### 5.3.1. *Volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(108) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-data tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kien stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (106). L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

*Tabella 3*

**Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati) | 48 352 | 34 451 | 28 385 | 22 146 |
| *Indiċi* | *100* | *71* | *59* | *46* |
| Sehem mis-suq (%) | 10,7 | 8,0 | 5,9 | 4,7 |
| *Indiċi* | *100* | *74* | *55* | *44* |

*Sors*: Il-kwestjonarju dwar id-*data* makroekonomika pprovdut mill-industrija tal-Unjoni u d-*data* tal-Eurostat.

(109) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ naqas b'mod kostanti b'54 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-ewwel naqsu b'29 % bejn l-2019 u l-2020, imbagħad bi 18 % bejn l-2020 u l-2021 u fl-aħħar nett naqsu bi 22 % bejn l-2021 u l-PIR. B'riżultat ta' dan, is-sehem mis-suq tagħhom naqas b'aktar min-nofs, u naqas minn 10,7 % fl-2019 għal 4,7 % fil-PIR.

#### 5.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u d-differenza fil-prezz*

(110) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-data tal-Eurostat.

(111) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 4*

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina | 1 000 | 951 | 1 123 | 1 436 |
| *Indiċi* | *100* | *95* | *112* | *144* |

*Sors*: Comext tal-Eurostat.

(112) B'mod ġenerali, il-prezz medju tal-importazzjoni miċ-Ċina żdied b'44 %. L-ewwel naqas b'5 % bejn l-2019 u l-2020 u sussegwentement żdied bi 18 % bejn l-2020 u l-2021 u bi 28 % bejn l-2021 u l-PIR.

(113) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitlub lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, mal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ mill-Eurostat, stabbilit fuq bażi CIF, inkluż id-dazju anti-dumping.

(114) Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera differenza ta' 6 % bejn il-prezz medju tal-bejgħ tal-esportazzjoni u l-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Minħajr id-dazji anti-dumping, id-differenza kienet tammonta għal 25 %.

### 5.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ**

(115) Il-volum aggregat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet fil-prezzijiet għall-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-ħadid fondut minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif ġej:

*Tabella 5*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Indja | Volum (tunnellati) | 41 200 | 52 319 | 82 436 | 77 167 |
| | *Indiċi* | *100* | *127* | *200* | *187* |
| | Sehem mis-suq (%) | 9,1 | 12,1 | 17,0 | 16,5 |
| | *Indiċi* | *100* | *133* | *186* | *181* |
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 925 | 932 | 1 066 | 1 426 |
| | *Indiċi* | *100* | *100* | *115* | *154* |
| It-Turkija | Volum (tunnellati) | 34 410 | 37 761 | 47 112 | 41 899 |
| | *Indiċi* | *100* | *110* | *137* | *122* |
| | Sehem mis-suq (%) | 7,6 | 8,7 | 9,7 | 9,0 |
| | *Indiċi* | *100* | *114* | *127* | *117* |
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 079 | 1 098 | 1 139 | 1 498 |
| | *Indiċi* | *100* | *102* | *106* | *139* |
| L-Iran | Volum (tunnellati) | 2 897 | 2 537 | 6 048 | 8 647 |
| | *Indiċi* | *100* | *87* | *208* | *298* |
| | Sehem mis-suq (%) | 0,6 | 0,6 | 1,2 | 1,8 |
| | *Indiċi* | *100* | *91* | *194* | *288* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 094 | 1 091 | 1 189 | 1 533 |
| | *Indiċi* | *100* | *100* | *109* | *140* |
| Pajjiżi terzi oħrajn | Volum (tunnellati) | 5 745 | 8 637 | 11 548 | 9 212 |
| | *Indiċi* | *100* | *150* | *201* | *160* |
| | Sehem mis-suq | 1,3 | 2,0 | 2,4 | 2,0 |
| | *Indiċi* | *100* | *156* | *187* | *154* |
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 156 | 1 108 | 1 293 | 1 752 |
| | *Indiċi* | *100* | *96* | *112* | *152* |
| Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra ċ-Ċina | Volum (tunnellati) | 84 253 | 101 253 | 147 144 | 136 925 |
| | *Indiċi* | *100* | *120* | *175* | *163* |
| | Sehem mis-suq | 18,7 | 23,4 | 30,4 | 29,3 |
| | *Indiċi* | *100* | *125* | *163* | *157* |
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 009 | 1 013 | 1 112 | 1 477 |
| | *Indiċi* | *100* | *100* | *110* | *146* |

*Sors: data* tal-Eurostat.

(116) Fil-PIR, ġew importati 136 925 tunnellata ta' oġġetti tal-ħadid fondut minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina. Dan il-volum jirrappreżenta 29 % tas-suq tal-Unjoni. B'kollox, is-sehem mis-suq tagħhom żdied minn 19 % fl-2019 għal 29 % fil-PIR. Filwaqt li ċ-Ċina kienet għadha esportatur ewlieni tal-prodott taħt rieżami lejn l-UE fl-2019, wara l-impożizzjoni tad-dazji gradwalment tilfet is-sehem mis-suq tagħha għall-benefiċċju tal-Indja, u sa ċertu punt inqas tat-Turkija u tal-Iran. L-importazzjonijiet fil-volum minn dawn it-tliet pajjiżi flimkien żdiedu bi 63 % bejn l-2019 u l-PIR, u laħqu sehem mis-suq ta' 27,3 % fil-PIR.

(117) Il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Indja kienu anqas mill-prezzijiet Ċiniżi mingħajr miżuri. Il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-oġġetti tal-ħadid fondut mit-Turkija u mill-Iran kienu kemxejn ogħla mill-prezzijiet Ċiniżi mingħajr dazji (b'4 % u b'7 %, rispettivament, fil-PIR) iżda xorta ħafna anqas mill-prezzijiet Ċiniżi b'miżuri anti-dumping u bil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Fil-PIR, dawn it-tliet pajjiżi importaturi kienu qegħdin ibigħu b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni, b'27 % għall-Indja, bi 23 % għat-Turkija u bi 22 % għall-Iran.

### 5.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

#### 5.5.1. *Kummenti ġenerali*

(118) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(119) Kif imsemmi fil-premessa (11), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(120) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet ipprovduti minn Eurofonte, kontroverifikati mad-*data* tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġiet ivverifikata. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(121) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(122) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

5.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(123) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 6*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 358 048 | 329 785 | 343 267 | 339 231 |
| *Indiċi* | *100* | *92* | *96* | *95* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 652 029 | 650 590 | 651 077 | 645 386 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *100* | *99* |
| Użu tal-kapaċità (%) | 54,9 | 50,7 | 52,7 | 52,6 |
| *Indiċi* | *100* | *92* | *96* | *96* |

*Sors*: Il-kwestjonarju dwar id-*data* makroekonomika pprovdut mill-industrija tal-Unjoni.

(124) B'mod ġenerali, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-kwantità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset b'5 %. Il-produzzjoni segwiet mill-qrib il-varjazzjoni fil-konsum. Bħala konsegwenza tal-pandemija, il-produzzjoni naqset bi 8 % bejn l-2019 u l-2020. Imbagħad reġgħet żdiedet bejn l-2020 u l-2021 (+ 4 %) qabel ma reġgħet naqset bi ftit bejn l-2021 u l-PIR (-1 %).

(125) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli bejn l-2019 u l-2021 u mbagħad naqset ftit bejn l-2021 u l-PIR (-1 %).

(126) L-użu tal-kapaċità segwa l-istess xejra bħall-produzzjoni u naqas b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan l-indikatur naqas bi 8 % fl-2020 u mbagħad żdied b'4 % fl-2021 u stabbilizza matul il-PIR. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-użu tal-kapaċità naqas b'2,3 punti perċentwali minn madwar 55 % fl-2019 għal 52,6 % matul il-PIR.

5.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(127) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 7*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 318 768 | 296 818 | 308 972 | 308 474 |
| *Indiċi* | *100* | *93* | *97* | *97* |
| Sehem mis-suq (%) | 71 | 69 | 64 | 66 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *90* | *93* |

*Sors*: Il-kwestjonarju dwar id-*data* makroekonomika pprovdut mill-industrija tal-Unjoni u d-*data* tal-Eurostat.

(128) Minkejja ż-żieda fil-konsum, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żviluppa b'mod negattiv, bi tnaqqis ta' 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-ewwel naqas fl-2020, b'7 %, u mbagħad irkupra fl-2021 u fl-2022, iżda qatt ma laħaq f'termini assoluti l-livell tal-bejgħ fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(129) Fil-kuntest ta' tkabbir żgħir fil-konsum, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'aktar minn 5 punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-ewwel naqas b'2 punti perċentwali fl-2020, segwit minn tnaqqis ulterjuri ta' 5 punti perċentwali fl-2021 u mbagħad minn żieda żgħira ta' 2 punti perċentwali fil-PIR.

(130) Is-sehem mis-suq mitluf mill-produtturi tal-Unjoni ttieħed prinċipalment mill-produtturi esportaturi Indjani, li s-sehem mis-suq tagħhom żdied minn 9,1 % fl-2019 għal 16,5 % fil-PIR u mit-Turkija, it-tieni l-akbar esportatur lejn l-Unjoni, li żiedet is-sehem mis-suq tagħha minn 7,6 % fl-2019 għal 9 % fil-PIR.

5.5.2.3. Tkabbir

(131) Bejn l-2019 u l-PIR, il-konsum mill-Unjoni żdied b'4 %. Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'3 %, li sarraf f'telf ta' 5 punti perċentwali fis-sehem mis-suq matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.5.2.4. Impjiegi u produttività

(132) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 8*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Numru ta' impjegati (FTE) | 3 053 | 3 027 | 3 027 | 3 076 |
| *Indiċi* | *100* | *99* | *99* | *101* |
| Produttività (tunnellati/FTE) | 117 | 109 | 113 | 110 |
| *Indiċi* | *100* | *93* | *97* | *94* |

*Sors*: Il-kwestjonarju dwar id-*data* makroekonomika pprovdut mill-industrija tal-Unjoni.

(133) L-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżomm u saħansitra żżid (ftit) in-numru ta' impjegati espress f'ekwivalenti għall-full-time ("FTE") involuti fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-prodott taħt rieżami, li żdied b'1 % bejn l-2019 u l-PIR.

(134) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala output (tunnellati) għal kull FTE, segwiet xejra 'l isfel matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (-6 %). Din hija l-konsegwenza tat-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni ġenerali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni meta mqabbel man-numru ta' impjegati li baqa' stabbli u saħansitra żdied marġinalment.

5.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(135) Kif indikat fil-premessa (93), id-differenza bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali maħdum instabet li kienet sostanzjalment ogħla mil-livell *de minimis* (akbar minn 60 %). L-impatt ta' dawn il-marġnijiet fuq l-industrija tal-Unjoni kien għadu materjali u sinifikanti, peress li l-oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw miċ-Ċina komplew jidħlu fl-Unjoni fi kwantitajiet kbar.

(136) Barra minn hekk, anki bil-miżuri, dawn l-importazzjonijiet kienu għadhom bi prezzijiet li huma ħafna anqas mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u, għalhekk, għamluha diffiċli għall-industrija tal-Unjoni li tirkupra mill-prattiki tad-dumping tal-passat.

5.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(137) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 9*

**Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali | 1 514 | 1 533 | 1 625 | 1 956 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *107* | *129* |
| Kost unitarju tal-produzzjoni | 1 451 | 1 470 | 1 662 | 1 917 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *115* | *132* |

*Sors*: It-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(138) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz medju ta' bejgħ fl-industrija tal-Unjoni żdied b'29 %. Ġew irreġistrati żidiet kbar bejn l-2020 u l-2021 (+ 6 %) u bejn l-2021 u l-PIR (+ 20 %). Dawn iż-żidiet huma l-konsegwenza taż-żieda fil-kost medju tal-materja prima u tal-enerġija. Il-kostijiet żdiedu bi 15 % mill-2019 sal-2021 u mbagħad bi 15 % oħra mill-2021 'il quddiem. Kumplessivament, il-kostijiet żdiedu bi 32 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(139) L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet biżżejjed sabiex tkopri ż-żieda fil-kostijiet bħala konsegwenza tal-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u mill-importazzjonijiet mill-Indja, mit-Turkija u mill-Iran.

(140) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 10*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 55 061 | 57 835 | 57 611 | 59 715 |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *105* | *108* |

*Sors* :It-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(141) Il-kost medju lavorattiv għal kull impjegat żdied kontinwament. Żdied bi 8 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Żdied b'5 % fl-2020, baqa' stabbli fl-2021 u mbagħad reġa' żdied b'madwar 4 % fil-PIR. Din hija l-konsegwenza ta' ftehimiet settorjali rigward iż-żidiet fis-salarju u tal-primjums speċjali mogħtijin.

5.5.3.2. Inventarji

(142) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 11*

**Inventarji**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 23 999 | 24 297 | 26 613 | 26 823 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *111* | *112* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 14,5 | 15,7 | 16,7 | 17,3 |
| *Indiċi* | *100* | *109* | *115* | *120* |

*Sors*: It-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(143) Il-livell ta' stokkijiet tal-għeluq tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdied bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda seħħet prinċipalment fl-2021.

(144) Kif indikat hawn fuq fil-premessa (107), is-suq tal-oġġetti tal-ħadid fondut huwa marbut mill-qrib mat-tkabbir ekonomiku fis-suq tal-Unjoni. Is-sena 2021 kienet prevista bħala sena tajba, bl-ogħla livell ta' konsum ta' +12 % meta mqabbel mas-sena 2020. Għalhekk, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żiedu ftit il-produzzjoni tagħhom. Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma setgħux jibbenefikaw bis-sħiħ miż-żieda fil-konsum u għalhekk il-livell tal-istokkijiet żdied.

5.5.3.3. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(145) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 12*

**Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 5,6 | 5,8 | 0,1 | 3,4 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *1* | *60* |
| Fluss tal-flus (EUR) | 16 939 091 | 17 495 491 | 6 742 515 | 15 285 813 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *40* | *90* |
| Investimenti (EUR) | 11 085 740 | 8 677 592 | 11 531 261 | 14 484 710 |
| *Indiċi* | *100* | *78* | *104* | *131* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 6,5 | 6,2 | 0,1 | 4,5 |
| *Indiċi* | *100* | *96* | *1* | *70* |

*Sors*: It-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(146) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(147) Il-profittabilità tal-produtturi inklużi fil-kampjun kienet negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u marret minn 5,6 % fl-2019 għal 3,4 % fil-PIR. Fis-snin 2019 u 2020, il-profittabilità kienet ftit ogħla mill-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri 5,3 %). Il-profittabilità ddeterjorat sostanzjalment fl-2021 u niżlet qrib iż-żero. Din ix-xejra negattiva kienet ikkawżata mill-inkapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tgħolli l-prezzijiet b'mod suffiċjenti sabiex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Fil-PIR, il-profittabilità tjiebet, u laħqet profitti ta' 3,4 %, anki jekk baqgħet taħt il-mira ta' 5,3 %.

(148) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus żdied bi ftit fl-2020 (+ 3 %). Is-sitwazzjoni marret għall-aħar b'mod sinifikanti fl-2021, bi tnaqqis ta' dan l-indikatur b'61 % bħala konsegwenza tat-telf fil-profittabilità. Fil-PIR, bir-ritorn għal profitti mtejbin, dan l-indikatur reġa' żdied b'127 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u wera stampa aktar b'saħħitha tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(149) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan segwa xejra simili bħall-profittabilità. Kien stabbli fl-2019 u fl-2020, qabel ma naqas b'mod sinifikanti fl-2021 u reġa' żdied fil-PIR f'konformità mal-evoluzzjoni tal-profittabilità.

### 5.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(150) Minkejja li, l-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw miċ-Ċina naqsu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, dawn kienu għadhom sinifikanti fil-PIR u kienu jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' 4,7 %. Id-daqs tal-marġni tad-dumping li nstab fir-rigward ta' dawk l-importazzjonijiet baqa' sinifikanti wkoll, b'aktar minn 60 %. Barra minn hekk, dawn l-importazzjonijiet kienu għadhom taħt il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-UE b'6 % (id-dazji inklużi). Minħajr id-dazji, id-differenza kienet tammonta għal 25 %.

(151) L-evoluzzjoni tal-mikroindikaturi u tal-makroindikaturi turi li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minkejja żieda ta' 4 % fil-konsum, ix-xejriet tal-indikaturi ekonomiċi ewlenin marru għall-agħar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, il-bejgħ u l-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni naqsu bi 3 % u b'5 % rispettivament, fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Konsegwentement, is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas minn 71 % fl-2019 għal 66 % waqt il-PIR. Dawn l-ishma ttieħdu mill-produtturi esportaturi f'pajjiżi terzi; b'mod partikolari, l-Indja, li ggwadanjat 7 punti perċentwali fl-ishma mis-suq għal 16,5 % u t-Turkija, li żiedet ukoll is-sehem mis-suq tagħha minn 7,6 % fl-2019 għal 9 % fil-PIR.

(152) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz medju ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni żdied b'29 %. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet żdiedu bi 32 % f'tentattiv sabiex ikopru ż-żieda fil-kost tal-materja prima u tal-enerġija. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet biżżejjed sabiex tkopri ż-żieda fil-kostijiet. Konsegwentement, il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqset għal 3,4 % fil-PIR, anqas mill-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali (5,3 %).

(153) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 6. **KAWŻALITÀ**

(154) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(155) L-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-ħadid fondut mir-RPĊ naqsu b'mod stabbli b'54 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bħala medja, sabiex laħqu sehem mis-suq ta' 4,7 % fl-Unjoni fil-PIR. Il-prezz medju tal-importazzjoni miċ-Ċina żdied b'44 %. Minkejja din iż-żieda, xorta għadu 6 % anqas mill-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-industrija tal-Unjoni. Mingħajr id-dazji anti-dumping, id-differenza kienet tammonta għal 25 % (ara l-premessa (114)).

(156) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kienu għadhom sinifikanti u kienu qegħdin jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet u fuq il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk ikkontribwew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

#### 6.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(157) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kif muri fit-Taqsima 5.4 aktar 'il fuq. Dawn l-importazzjonijiet ġew prinċipalment mill-Indja (sehem mis-suq ta' 16,5 % fil-PIR), mit-Turkija (sehem mis-suq ta' 9 % fil-PIR) u mill-Iran (sehem mis-suq ta' 1,8 % fil-PIR).

(158) Dawn l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet li kienu ferm anqas mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni.

(159) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi u l-prezzijiet baxxi ħafna tagħhom, ferm anqas mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni, kienu qegħdin jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet u fuq il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, b'hekk ikkontribwew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(160) Matul il-perjodu kkunsidrat l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

*Tabella 13*

**Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun**

| | 2019 | 2020 | 2021 | Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati) | 16 664 | 15 910 | 14 844 | 13 420 |
| *Indiċi* | *100* | *95* | *89* | *81* |
| Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 400 | 1 441 | 1 543 | 1 776 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *110* | *127* |

*Sors*: It-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(161) Fil-volum, l-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lejn klijenti relatati u mhux relatati naqsu bi 19 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fil-PIR, il-bejgħ għall-esportazzjoni kien jirrappreżenta madwar 11 % tal-bejgħ totali tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Fid-dawl tat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ li wassal għal tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni, ġie konkluż li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni kienet ikkontribwiet ukoll għad-dannu mġarrab.

6.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(162) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li joriġinaw mir-RPĊ ikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(163) Il-fatturi identifikati l-oħrajn bħall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn u l-prestazzjoni tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, kemm jekk ikkunsidrati individwalment kif ukoll kollettivament, ukoll ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni iżda ma taffewx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

## 7. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DANNU

(164) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (153) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(165) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, il-miżuri fis-swieq terzi u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

7.1. **Il-kapaċità żejda fir-RPĊ**

(166) Kif indikat fil-premessa (96) hawn fuq, ir-RPĊ hija fost l-akbar produtturi ta' oġġetti tal-ħadid fondut fid-dinja. Il-kapaċità ta' riżerva Ċiniża ġiet stmata għal 622 638 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami; jiġifieri 133 % tal-konsum tal-Unjoni matul l-istess perjodu. Għalhekk, l-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut li tiddependi ħafna fuq is-swieq barranin sabiex tbigħ il-prodotti tagħha, tkun tista' żżid faċilment l-esportazzjonijiet tagħha f'ammonti kbar, bi prezzijiet oġġett ta' dumping, lejn l-Unjoni, jekk id-dazji anti-dumping jitħallew jiskadu. Dan ikompli jiddeterjora s-sitwazzjoni ekonomika diġà fraġli tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(167) Is-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għall-esportaturi Ċiniżi, kif jidher mill-fatt li dawn komplew jesportaw b'mod sinifikanti lejn l-Unjoni minkejja l-miżuri fis-seħħ. Iċ-Ċina kienet it-tielet l-akbar esportatur ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(168) Is-suq tal-Unjoni għal ċerti oġġetti tal-ħadid fondut huwa wieħed mill-akbar fid-dinja, b'konsum ta' 467 544 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Is-suq ewlieni l-ieħor f'termini ta' daqs huwa s-suq tal-Istati Uniti. Bħalissa huwa protett minn miżuri ta' difiża tal-kummerċ kontra ċ-Ċina fil-livell ta' 25,52 %, ([63]) li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-importazzjonijiet Ċiniżi. Dawn il-miżuri ġew estiżi għal 5 snin f'Marzu 2022.

(169) Is-suq tal-Unjoni huwa attraenti wkoll f'termini tal-prezzijiet. L-evidenza pprovduta fit-talba għal rieżami mill-applikant turi offerti ([64]) lill-klijenti madwar id-dinja magħmulin mill-produtturi esportaturi Ċiniżi f'livelli taħt il-prezz tal-esportazzjoni Ċiniż lejn l-Unjoni (bħala medja 26 % anqas) u ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Konsegwentement, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, is-suq tal-Unjoni jsir saħansitra aktar attraenti għall-esportaturi Ċiniżi.

(170) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tħassir tal-miżuri bil-probabbiltà kollha jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina b'livelli ta' prezzijiet dannużi u, għalhekk, ikompli jaggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni tad-dannu.

## 8. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(171) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li r-revoka tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'rikorrenza ta' aktar dannu jekk il-miżuri jiġu revokati. Tabilħaqq, anki jekk id-dannu kontinwu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma setax jiġi attribwit lill-importazzjonijiet soġġetti, il-Kummissjoni sabet li hemm probabbiltà qawwija ta' rikorrenza ta' dannu fuq il-bażi tal-livell sinifikanti tal-kapaċità żejda fir-RPĊ, u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni.

## 9. **INTERESS TAL-UNJONI**

(172) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija, tal-importaturi/tan-negozjanti u tal-utenti/tal-konsumaturi tal-Unjoni.

### 9.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(173) Il-miżuri imposti kienu effettivi peress li għenu sabiex jitnaqqas il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, il-volumi tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina baqgħu sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (sehem mis-suq ta' 4,6 % fil-PIR).

(174) Ġie stabbilit li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u li s-sitwazzjoni tagħha hija fraġli, kif ikkonfermat mix-xejriet negattivi ta' diversi indikaturi tad-dannu.

([63]) Federal Register : Certain Iron Construction Castings From Brazil, Kanada and the People's Republic of China: Final Results of Expedited Fifth Sunset Review of Antidumping Duty Orders available at https://www.federalregister.gov/documents/2022/03/16/2022-05550/certain-iron-construction-castings-from-brazil-canada-and-the-peoples-republic-of-china-final, ikkonsultat fit-13 ta' Diċembru 2023

([64]) Il-prezzijiet FOB għal disa' (9) tipi rappreżentattivi tal-prodott ikkonċernat, tmienja (8) minnhom huma rreklamati fuq sit web pubbliku speċjalizzat fil-prezzijiet minn negozju għal negozju, offruti mill-produtturi fir-RPĊ. Estratti minn https://www.made-in-china.com/ fl-Anness B.10 tat-talba għal rieżami.

(175) It-tħassir tal-miżuri bil-probabbiltà kollha jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina b'livelli ta' prezzijiet dannużi u jkompli jaggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u jhedded il-vijabbiltà tagħha.

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping kontra r-RPĊ kienet fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

9.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(177) Żewġ importaturi mhux relatati ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu u kkooperaw bis-sħiħ mal-investigazzjoni billi ppreżentaw tweġibiet għall-punti ta' deficjenza mqajmin matul l-investigazzjoni.

(178) It-tnejn li huma kienu qegħdin jimportaw il-prodott taħt rieżami minn diversi sorsi (sorsi multipli li jinkludu ċ-Ċina) matul il-PIR. Il-prodott taħt rieżami kien jirrappreżenta aktar minn 90 % tal-fatturat totali għal wieħed mill-importaturi, filwaqt li għall-ieħor kien anqas minn 50 % tal-attività totali.

(179) It-tnejn kienu kontra l-kontinwazzjoni tal-miżuri meta jitqies li dawn il-miżuri kienu ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u kienu ta' piż żejjed għalihom. Huma allegaw ukoll li l-industrija tal-Unjoni ma teħtieġx protezzjoni bħal din.

(180) Il-Kummissjoni qieset li l-miżuri anti-dumping ma humiex sempliċiment mekkaniżmu protezzjonist iżda mekkaniżmu sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi. Il-miżuri anti-dumping ma għandhomx l-objettiv li jagħlqu s-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda li jreġġgħu lura l-kummerċ ġust billi jneħħu l-effett tad-dumping dannuż. Fir-rigward tal-asserzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma għandhiex bżonn protezzjoni, l-investigazzjoni żvelat eżattament l-oppost peress li l-industrija tal-Unjoni dehret li ġarrbet dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ġie stabbilit li l-importazzjonijiet Ċiniżi kkontribwew għad-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.

(181) L-investigazzjoni żvelat ukoll li ż-żewġ negozjanti kienu profittabbli ħafna, minkejja l-miżuri fis-seħħ. Għalhekk, nistgħu nikkunsidraw li l-piż impost fuqhom mill-miżuri anti-dumping jidher raġonevoli.

(182) Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti mill-perspettiva tal-kummerċjanti mhux relatati kontra l-estensjoni tal-miżuri.

9.3. **L-interess tal-utenti, tal-konsumaturi**

(183) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-utenti/lill-konsumaturi magħrufin kollha. L-ebda wieħed minnhom ma wieġeb għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni.

(184) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jindika li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti, li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, kif indikat fl-investigazzjoni oriġinali fil-premessa (254), il-Kummissjoni kkonfermat mill-ġdid li l-utenti finali ma jistgħux jiddependu fuq prezzijiet oġġett ta' dumping għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

9.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(185) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fiċ-Ċina. L-effetti pożittivi tal-miżuri anti-dumping fuq is-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fuq l-industrija tal-Unjoni, jegħlbu l-effett potenzjalment negattiv fuq il-gruppi ta' interess l-oħra.

## 10. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(186) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqin mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dumping, il-kontinwazzjoni ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fuq ċerti oġġetti tal-ħadid fondut mir-RPĊ jenħtieġ li jinżammu.

(187) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jeħtiġilhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(188) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(189) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(190) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina miċ-Ċina u manifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(191) Kumpanija, li tibbenefika minn rata tad-dazju anti-dumping individwali, tista' titlob l-applikazzjoni ta' din ir-rata jekk sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([65]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(192) Jenħtieġ li esportaturi jew produtturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu użat biex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju li huwa applikabbli bħalissa għall-esportazzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li ntuża sabiex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju applikabbli għall-esportazzjonijiet tiegħu; (ii) ma huwiex relatat ma' kumpanija li għamlet dan u, għalhekk, huwa soġġett għad-dazji anti-dumping; (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

([65]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

(193) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([66]), meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jiġi kkalkolat fuq il-bażi tar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-kapital tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(194) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut bil-grafit lamellari (ħadid griż) jew tal-ħadid fondut bil-grafit sferojdali (magħruf ukoll bħala ħadid fondut duttili), u partijiet minnhom li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7325 10 00 (kodiċi TARIC 7325 10 00 31) u ex 7325 99 10 (kodiċi TARIC 7325 99 10 60) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Dawn l-oġġetti huma ta' tip użat biex:

— ikopru l-art jew sistemi ta' taħt il-wiċċ, u/jew feħiet f'sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ, u wkoll

— aċċess għal sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ u/jew jipprovdu ħarsa lejn is-sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ.

L-oġġetti jistgħu jkunu maħdumin bil-magni, miksijin, miżbugħin u/jew iffitjati b'materjali oħra bħal iżda mhux limitati għal konkrit, ċangaturi jew madum.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

— spralli tal-kanali u uċuħ fonduti soġġetti għall-istandard EN 1433, biex jiġu ffittjati bħala komponent fuq kanali tal-polimeru, tal-plastik, tal-azzar galvanizzat jew tal-konkrit li jippermettu l-fluss tal-ilma tas-superfiċje għal ġol-kanal,

— katusi għall-iskular tal-art, katusi għall-iskular tal-bjut, cleanouts u għotjien tal-cleanouts, soġġetti għall-istandard EN 1253,

— turġien tal-ħadid, vireg tal-irfigħ, u idraturi tan-nirien.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

| Kumpanija | Dazju anti-dumping | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Botou City Wangwu Town Tianlong Casting Factory | 15,5 % | C221 |
| Botou Lisheng Casting Industry Co., Ltd. | 31,5 % | C222 |
| Fengtai (Handan) Alloy Casting Co., Ltd. | 38,1 % | C223 |
| Hong Guang Handan Cast Foundry Co., Ltd. | 21,3 % | C224 |

([66]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

| | | |
|---|---|---|
| Shijiazhuang Transun Metal Products Co., Ltd. | 25,0 % | C225 |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness | 25,4 % | Ara l-Anness |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 38,1 % | C999 |

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Meta xi produttur esportatur ġdid fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

— ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016),

— ma jkun relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew mill-produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huma soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament,

— esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,

L-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiġi emendat, wara li l-partijiet interessati kollha jkunu ngħataw il-possibbiltà li jikkummentaw, billi l-produttur esportatur il-ġdid jiżdied mal-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u għaldaqstant soġġetti għar-rata tad-dazju medja ponderata.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Produtturi esportaturi Ċiniżi li qed jikkooperaw mhux fil-kampjun:

| Isem | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|
| Baoding City Maikesaier Casting Ltd. | C226 |
| Baoding GB Metal Products Co., Ltd. | C232 |
| Baoding Hualong Casting Co., Ltd. | C233 |
| Baoding Shuanghu Casting Co., Ltd. | C234 |
| Bo Tou Chenfeng Casting Co., Ltd. | C235 |
| Botou City Minghang Casting Co., Ltd. | C236 |
| Botou City Qinghong Foundry Co., Ltd. and the related company Cangzhou Qinghong Foundry Co., Ltd. | C237 |
| Botou City Simencun Town Bai Fo Tang Casting Factory | C238 |
| Botou Dongli Foundry Co., Ltd. | C239 |
| Botou GuangTai Precision Casting Factory | C240 |
| Botou Mancheng Foundry Co., Ltd. | C241 |
| Botou Okai Foundry Co., Ltd. | C242 |
| Botou Sanjiang Casting Co., Ltd. | C243 |
| Botou TongYang Casting Factory | C244 |
| Botou Weili Precision Casting Co., Ltd. | C245 |
| Botou Xinrong Foundry Co., Ltd. | C246 |
| Botou Zhengxin Foundry Co., Ltd. | C247 |
| Cangzhou Hongyuan Machinery & Foundry Co., Ltd. | C248 |
| Cangzhou Yadite Casting Machinery Co., Ltd. | C249 |
| Changsha Jinlong Foundry Industry Co., Ltd. | C250 |
| Changyi City ChangZhan Casting Co., Ltd. | C251 |
| China National Minerals Co., Ltd. | C252 |
| Dingxiang Sitong Forging and Casting Industrial | C253 |
| Dingzhou Dongyu Foundry Co., Ltd. | C254 |
| Handan City Jinzhu Foundry Co., Ltd. | C255 |
| Handan Haolin Casting Co., Ltd. | C256 |
| Handan Qunshan Foundry Co., Ltd. | C257 |
| Handan Yanyuan Machinery Foundry Co., Ltd. | C258 |
| Handan Yuanyang Foundry Co.,Ltd | C259 |
| Handan Zhangshui Pump Manufacturing Co., Ltd. | C260 |
| Hebei Cheng'An Babel Casting Co., Ltd. | C261 |

| | |
|---|---|
| Hebei Feixiang East Foundry Products Co., Ltd. | C262 |
| Hebei Jinghua Casting Co., Ltd. | C263 |
| Hebei Shunda Foundry Co., Ltd. | C264 |
| Hebei Tengfeng Metal Products Co., Ltd. | C265 |
| Hebei Zhonghe Foundry Co., Ltd. | C266 |
| Hengtong Valve Co.,LTD | C267 |
| Heping Cast Co., Ltd. Yi County | C268 |
| Jiaocheng County Honglong Machinery Manufacturing Co., Ltd. | C269 |
| Jiaocheng County Xinlei Machinery Manufacturing Co., Ltd. | C270 |
| Jiaocheng County Xinxing Casting Co., Ltd. | C271 |
| Jinan Laiwu Haitian Machinery Manufacturing Co., Ltd | C272 |
| Laiwu Xinlong Weiye Foundry Co., Ltd. | C273 |
| Lianyungang Ganyu Xingda Casting Foundry | C274 |
| Lingchuan County Rainbow Casting Co., Ltd. | C275 |
| Lingshou County Boyuan Foundry Co., Ltd. | C276 |
| Pingyao County Master Casting Co., Ltd. | C277 |
| Qingdao Jiatailong Industrial Co.,Ltd | C278 |
| Qingdao Jinfengtaike Machinery Co., Ltd. | C279 |
| Qingdao Qitao Casting Co., Ltd. | C280 |
| Qingdao Shinshu Casting Co., Ltd. | C281 |
| Qingyuanxian Yueda Fountry Co., Ltd. | C282 |
| Rockhan Technology Co., Ltd. | C283 |
| Shahe City Fangyuan Casting Co., Ltd. | C284 |
| Shandong Heshengda Machinery Technology Co., Ltd. | C298 |
| Shandong Hongma Engineering Machinery Co., Ltd. | C285 |
| Shandong Lulong Group Co., Ltd. | C286 |
| Shanxi Ascent Industrial Co., Ltd. | C310 |
| Shanxi Associated Industrial Co., Ltd. | C287 |
| Shanxi Jiaocheng Xinglong Casting Co., Ltd. | C288 |
| Shanxi Solid Industrial Co., Ltd. | C289 |
| Shanxi Yuansheng Casting and Forging Industrial Co., Ltd. | C290 |
| Shaoshan Huanqiu Castings Foundry | C291 |
| Tang County Kaihua Metal Products Co., Ltd. | C292 |
| Tangxian Hongyue Machinery Accessory Foundry Co., Ltd. | C293 |

| | |
|---|---|
| Tianjin Jinghai Chaoyue Industrial and Commercial Co., Ltd. | C294 |
| Tianjin Yu Xing Da Casting Co., Ltd. | C295 |
| Wangdu Junrong Foundry Co., Limited | C296 |
| Weifang Nuolong Machinery Co., Ltd. | C297 |
| Weifang Weikai Casting Co., Ltd. | C299 |
| Wen Shui Hengli Nature of the Company | C300 |
| Wuhan RedStar Agro-Livestock Machinery Co. Ltd | C301 |
| Zibo Joy's Metal Co., Ltd. | C302 |